Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2025/0084(COD)

20.6.2025

EMENDI TA' KOMPROMESS 1 - 47

Abbozz ta' rapport
Dragoş Benea
(PE774.518v01-00)

Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu

Proposta għal regolament
(COM(2025)0123 – C10-0063/2025 – 2025/0084(COD))

AM_Com_LegCompr

Emenda 1
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 19, it-tieni parti, u l-emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENt TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 ***u*** (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu	Proposta għal REGOLAMENt TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058***,*** (UE) 2021/1056 ***u (UE) 2021/1060*** fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu

Or. en

Emenda 2
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta' kompromess 35, 36, 37, 39, 40, 38, 166, 167, 230

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża. Għalhekk, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] biex	(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża ***u l-preparatezza u r-reżiljenza ċivili*** tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża ***fl-istess ħin li jiggarantixxi l-preparatezza u r-reżiljenza ċivili***. Għalhekk, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali fis-settur tad-difiża u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti ***tad-difiża jew*** b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi. Il-kapaċitajiet industrijali ***li*** jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li ***jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, kif definit fl-Artikolu 2 [tal-abbozz] tar-Regolament tal-Kunsill [xxxx] li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament***. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.

(FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali fis-settur tad-difiża ***u tal-preparatezza ċivili,*** u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti b'użu doppju***, inkluż*** bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, ***u biex tissaħħaħ il-preparatezza,*** f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi ***u mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali***. Il-kapaċitajiet industrijali ***biex*** jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li ***jipprijoritizzaw l-użu doppju***. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà ***ċivili u reżiljenza***. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw, fejn applikabbli, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9 [IPT1] tar-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092, ir-regoli ta' eliġibbiltà kif stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Azzjoni ta' Sigurtà għall-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Istrument għall-Industrija tad-Difiża Ewropea jew id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-programmi Ewropej tal-industrija tad-difiża, meta jappoġġaw tali investimenti.

[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

Or. en

Emenda 3
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 21, u l-emendi 53, 58

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Barra minn hekk, sabiex tiġi injettata malajr il-likwidità biex jiġu koperti l-aktar ħtiġijiet urġenti, b’mod partikolari għal investimenti f’kapaċitajiet ta’ difiża msaħħa, jenħtieġ li jiġu offruti possibbiltajiet ta’ finanzjament addizzjonali. B’mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi previst prefinanzjament addizzjonali ta’ darba ta’ 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati għad-difiża skont l-objettivi ta’ politika rispettivi tal-FEŻR u l-Fond ta’ Koeżjoni u l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta’ kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %.	(6) Barra minn hekk, sabiex tiġi injettata malajr il-likwidità biex jiġu koperti l-aktar ħtiġijiet urġenti, b’mod partikolari għal investimenti f’kapaċitajiet ta’ difiża msaħħa***, b’mod partikolari fl-użu doppju, fil-preparatezza ċivili u fir-reżiljenza***, jenħtieġ li jiġu offruti possibbiltajiet ta’ finanzjament addizzjonali. B’mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi previst prefinanzjament addizzjonali ta’ darba ta’ 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati għad-difiża***, b’mod partikolari fl-użu doppju, fil-preparatezza ċivili u fir-reżiljenza*** skont l-objettivi ta’ politika rispettivi tal-FEŻR u tal-Fond ta’ Koeżjoni u l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta’ kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %.

Or. en

Emenda 4
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 22, u l-emendi 62, 64

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jistgħu, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, diġà jappoġġaw l-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-"Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa" (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform), li għandha l-għan li ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa. Sabiex jiġu inċentivati aktar l-investimenti mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni f'dawk l-oqsma kritiċi, jenħtieġ li titneħħa l-limitazzjoni għall-kontribuzzjoni kumplessiva tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni għal dawk il-prijoritajiet u jenħtieġ li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Istati Membri jirċievu prefinanzjament ogħla għal emendi tal-programm relatati. Barra minn hekk, il-possibbiltajiet għall-finanzjament ta' investimenti produttivi li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP f'intrapriżi għajr l-SMEs ***jenħtieġ li jiġu estiżi għar-reġjuni kollha. Bl-istess mod,*** jenħtieġ li ***tali investimenti*** jkunu possibbli wkoll ***f'reġjuni*** fejn jiffaċilitaw l-aġġustament industrijali marbut mat-trasformazzjoni diġitali, inkluż il-kapaċitajiet diġitali fil-cloud, l-IA u s-supercomputing, jew id-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti, bħal fl-industrija tal-karozzi jew fl-industriji intensivi fl-enerġija. Barra minn hekk, il-possibbiltà prevista għal investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP biex jiffinanzjaw investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] mingħajr il-ħtieġa, u irrispettivament mill-eżitu, ta' analiżi tal-lakuni, jenħtieġ li tiġi estiża għall-investimenti kollha.	(7) Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jistgħu, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, diġà jappoġġaw l-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-"Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa" (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform), li għandha l-għan li ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa. Sabiex jiġu inċentivati aktar l-investimenti mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni f'dawk l-oqsma kritiċi, jenħtieġ li titneħħa l-limitazzjoni għall-kontribuzzjoni kumplessiva tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni għal dawk il-prijoritajiet u jenħtieġ li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Istati Membri jirċievu prefinanzjament ogħla għal emendi tal-programm relatati. Barra minn hekk, il-possibbiltajiet għall-finanzjament ta' investimenti produttivi li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP f'intrapriżi għajr l-SMEs***, filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs,*** jenħtieġ li jkunu possibbli wkoll ***fir-reġjuni u fl-Istati Membri b'PDG per capita taħt il-medja tal-EU-27*** fejn jiffaċilitaw l-aġġustament industrijali marbut mat-trasformazzjoni diġitali, inkluż il-kapaċitajiet diġitali fil-cloud, l-IA u s-supercomputing, jew id-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti, bħal fl-industrija tal-karozzi jew fl-industriji intensivi fl-enerġija. Barra minn hekk, il-possibbiltà prevista għal investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP biex jiffinanzjaw investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs***, filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs,*** mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] mingħajr il-ħtieġa, u irrispettivament mill-eżitu, ta' analiżi tal-lakuni, jenħtieġ li tiġi estiża għall-investimenti kollha.

[4] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1.

[4] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1.

Or. en

Emenda 5
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 23, u l-emendi 70, 71, 75, 76, 87

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, ***u l-varar*** tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti	(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni***, tad-distribuzzjoni u ta' appoġġ*** relatata, ***kif ukoll biex tiġi protetta u ssalvagwardjata din l-infrastruttura u biex jissaħħaħ il-varar*** tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-

lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.	kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.

Or. en

Emenda 6
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 23, it-tieni parti, u l-emendi 70, 71, 75, 76, 87

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex jiġu żgurati r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-UE u l-kompetittività tar-reġjuni fi tranżizzjoni, l-infrastruttura tal-ħżin tal-elettriku fit-tul, bħall-ħażna tal-enerġija idroelettrika ppumpjata, jenħtieġ li tkun eliġibbli għall-appoġġ taħt il-politika ta' koeżjoni. Dawn l-investimenti jiżguraw l-istabbiltà tal-grilja, speċjalment fir-reġjuni li qed jeliminaw gradwalment il-ġenerazzjoni bbażata fuq il-fjuwils fossili.

Or. en

Emenda 7
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 24, u l-emendi 90, 91, 92, 94, 97

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet***, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt***. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.	(10) L-akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli*** hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. ***Il-gruppi żvantaġġjati u l-familji b'introjtu baxx u medju qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw akkomodazzjoni deċenti u riskju dejjem akbar li jispiċċaw mingħajr dar.*** Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. ***Filwaqt li jiġi rikonoxxut li d-definizzjoni tal-affordabbiltà tista' tvarja skont iċ-ċirkostanzi ta' kull Stat Membru, jenħtieġ li jinħoloq qafas komuni flessibbli tal-UE ta' eliġibbiltà għall-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, li jippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jidentifikaw gruppi fil-mira possibbli ta' persuni, bħal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, li ma jistgħux jiksbu akkomodazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq.*** Tali prijoritajiet jenħtieġ li ***jkunu marbuta mad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u*** jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi ***f'kull kategorija ta' reġjuni***. Pereżempju, l-investimenti ***taħt il-prinċipji u l-valuri tal-inizjattiva*** tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li

jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

Or. en

Emenda 8
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta' kompromess 25, u l-emendi 50, 103, 107, 108, 110, 168, 170, 171, 174, 175

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-ilma għandu rwol vitali bħala riżorsa għas-sigurtà tal-ikel, tal-enerġija u tas-sistemi ekonomiċi. Dan huwa wkoll aspett ewlieni biex tiġi żgurata r-reżiljenza għall-klima. Minħabba l-isfidi ppreżentati mill-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tal-ilma, jenħtieġ li jiġu mħeġġa aktar investimenti fir-reżiljenza idrika. Huwa urġenti li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ilma u tal-baħar u li tittejjeb l-effiċjenza tal-ilma, li tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma, u li jsir progress lejn Ewropa b'reżiljenza idrika. Dan jirrikjedi investimenti importanti. Għalhekk huwa xieraq li tiġi inkluża referenza għal aċċess sigur għall-ilma, ġestjoni sostenibbli tal-ilma u reżiljenza idrika fl-objettiv speċifiku ***l-ġdid*** taħt l-objettiv ta' politika 2 biex tkun tista' ssir ġestjoni proattiva bbażata fuq ir-riskju u aktar tħejjija. Il-prijoritajiet iddedikati stabbiliti għal dak l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati u l-possibbiltà ta' rata ta' kofinanzjament sa	(11) L-ilma għandu rwol vitali bħala riżorsa għas-sigurtà tal-ikel, tal-enerġija u tas-sistemi ekonomiċi. Dan huwa wkoll aspett ewlieni biex tiġi żgurata r-reżiljenza għall-klima. Minħabba l-isfidi ppreżentati mill-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tal-ilma, jenħtieġ li jiġu mħeġġa aktar investimenti fir-reżiljenza idrika. Huwa urġenti li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ilma u tal-baħar u li tittejjeb l-effiċjenza tal-ilma, li tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma, u li jsir progress lejn Ewropa b'reżiljenza idrika. Dan jirrikjedi investimenti importanti ***fl-infrastruttura biex tiġi żgurata t-tisqija sostenibbli permezz ta' soluzzjonijiet avvanzati bħad-desalinizzazzjoni, l-użu mill-ġdid tal-ilma u l-bijoteknoloġija blu, fost l-oħrajn, u fl-infrastruttura tal-istress idriku u tal-prevenzjoni tan-nixfa, kif ukoll fl-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, ir-restawr ekoloġiku u t-trattament tal-ilma mormi***. Għalhekk huwa xieraq li tiġi inkluża referenza għal aċċess sigur għall-ilma, ġestjoni sostenibbli tal-ilma u

100 % sabiex jiġu inċentivati investimenti kruċjali f'dak il-qasam.	reżiljenza idrika fl-objettiv speċifiku taħt l-objettiv ta' politika 2 biex tkun tista' ssir ġestjoni proattiva bbażata fuq ir-riskju u aktar tħejjija. Il-prijoritajiet iddedikati ***ġodda*** stabbiliti għal dak l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati u l-possibbiltà ta' rata ta' kofinanzjament sa 100 % sabiex jiġu inċentivati investimenti kruċjali f'dak il-qasam. ***Il-kundizzjoni abilitanti tematika eżistenti għal dak l-objettiv speċifiku se tibqa' tapplika.***

Or. en

Emenda 9
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 26, u l-emendi 119, 120, 121,122, 123, 124

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu riprogrammazzjoni sinifikanti fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu u jiffukaw ir-riżorsi fuq dawk il-prijoritajiet strateġiċi ġodda tal-Unjoni, jenħtieġ li jitneħħew restrizzjonijiet addizzjonali. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jgħoddu l-ammonti pprogrammati għal prijoritajiet strateġiċi ġodda, inklużi dawk li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP, mal-ammonti meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn ċertu flessibbiltà fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni rispettiva għall-klima għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE)	(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu riprogrammazzjoni sinifikanti fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu u jiffukaw ir-riżorsi fuq dawk il-prijoritajiet strateġiċi ġodda tal-Unjoni, jenħtieġ li jitneħħew restrizzjonijiet addizzjonali. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jgħoddu l-ammonti pprogrammati għal prijoritajiet strateġiċi ġodda***, irrispettivament jekk l-Istati Membri jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-kategorija tar-reġjun***, inklużi dawk li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' STEP, mal-ammonti meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn

2021/1060, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti ġenerali ta' dak l-Artikolu. Barra minn hekk, biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija li hija meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati, permezz tal-FEŻR, investimenti mmirati lejn il-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra anke mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] dment li jkunu ngħataw Siġill ta' Eċċellenza. Bl-istess mod, fir-rigward tal-JTF, il-kundizzjonijiet għall-finanzjament ta' tali investimenti jenħtieġ li jiġu ssimplifikati. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-appoġġ bejn il-finanzjament mogħti taħt ġestjoni diretta u kondiviża, l-operazzjonijiet li diġà ġew ivvalutati fil-kuntest ta' programmi ġestiti direttament u li ġew attribwiti "Siġill tas-Sovranità", kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795 f'sejħa għal proposti skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856 mill-Kummissjoni, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-esklużjoni tal-fjuwils fossili. L-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw ukoll il-possibbiltà li jikkontribwixxu riżorsi mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni għall-kompartiment tal-Istati Membri tal-Fond InvestEU[6] biex jużawhom permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU stabbilit fl-[Artikolu 10a tar-Regolament (UE) 2021/523]. Fl-aħħar nett, sabiex tkun tista' ssir riprogrammazzjoni komprensiva lejn il-prijoritajiet strateġiċi l-ġodda fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-Istati Membri jibbenefikaw minn żmien addizzjonali biex jikkomplementaw il-valutazzjoni tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu u l-preżentazzjoni tal-emendi tal-programm relatati. Dan jenħtieġ li japplika wkoll għar-riżorsi tal-JTF fejn ikunu inklużi fi programm flimkien mar-riżorsi tal-FEŻR ***jew*** tal-Fond ta' Koeżjoni.

ċertu flessibbiltà fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni rispettiva għall-klima għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/1060, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti ġenerali ta' dak l-Artikolu. Barra minn hekk, biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija li hija meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati, permezz tal-FEŻR, investimenti mmirati lejn il-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra anke mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] dment li jkunu ngħataw Siġill ta' Eċċellenza. Bl-istess mod, fir-rigward tal-JTF, il-kundizzjonijiet għall-finanzjament ta' tali investimenti jenħtieġ li jiġu ssimplifikati. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-appoġġ bejn il-finanzjament mogħti taħt ġestjoni diretta u kondiviża, l-operazzjonijiet li diġà ġew ivvalutati fil-kuntest ta' programmi ġestiti direttament u li ġew attribwiti "Siġill tas-Sovranità", kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795 f'sejħa għal proposti skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856 mill-Kummissjoni, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-esklużjoni tal-fjuwils fossili. L-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw ukoll il-possibbiltà li jikkontribwixxu riżorsi mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni għall-kompartiment tal-Istati Membri tal-Fond InvestEU[6] biex jużawhom permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU stabbilit fl-[Artikolu 10a tar-Regolament (UE) 2021/523]. Fl-aħħar nett, sabiex tkun tista' ssir riprogrammazzjoni komprensiva lejn il-prijoritajiet strateġiċi l-ġodda fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-Istati Membri jibbenefikaw minn żmien addizzjonali biex jikkomplementaw il-valutazzjoni tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu u l-preżentazzjoni tal-emendi tal-programm relatati. Dan jenħtieġ li japplika wkoll għar-riżorsi tal-JTF fejn ikunu

	inklużi fi programm flimkien mar-riżorsi tal-FEŻR**,** tal-Fond ta' Koeżjoni ***jew tal-FSE+***. ***Għall-programmi taħt il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), ir-riprogrammazzjoni jenħtieġ li ssegwi l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/1059.***
[5] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).	[5] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).
[6] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj).	[6] Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj).

Or. en

Emenda 10
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 1, l-ewwel parti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt i
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt vii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu kapaċitajiet ***ta' użu doppju kif ukoll*** ta' difiża	(vii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu kapaċitajiet ta' difiża***, bi prijorità għall-użu doppju***.

Or. en

Emenda 11
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 2, l-ewwel parti, u l-emendi 169, 172

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) il-promozzjoni tal-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma u r-reżiljenza idrika;	(v) il-promozzjoni tal-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli ***u integrat*** tal-ilma u r-reżiljenza idrika;

Or. en

Emenda 12
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 2, it-tielet parti, u l-emendi 178, 181, 182, 183

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt iii
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – punt xi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(xi) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli***, u riformi relatati***;	(xi) il-promozzjoni ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***;

Or. en

Emenda 13
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta' kompromess 2, ir-raba' parti, u l-emendi 184, 185, 186, 187, 188, 189, 190, 191

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt iii
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – punt xii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(xii) il-promozzjoni tal-interkonnetturi tal-enerġija u tal-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar.	(xii) il-promozzjoni tal-interkonnetturi tal-enerġija u tal-infrastruttura tat-trażmissjoni***, tad-distribuzzjoni u ta' appoġġ*** relatata, ***kif ukoll tal-protezzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija kritika*** u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar.

Or. en

Emenda 14
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 3, l-ewwel parti, u l-emendi 199, 200, 203, 205, 206

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt iv
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-iżvilupp ta' infrastruttura reżiljenti ***tad-difiża jew*** b'użu doppju biex titrawwem il-mobbiltà militari fl-Unjoni**.**;	(iii) l-iżvilupp ta' infrastruttura ***u ta' kapaċitajiet*** reżiljenti b'użu doppju***, inkluż*** biex titrawwem il-mobbiltà militari fl-Unjoni***, kif ukoll biex tissaħħaħ il-preparatezza***;

Or. en

Emenda 15
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 4, l-ewwel parti, u l-emendi 211, 212, 213, 214

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt v

Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt vii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli***, u riformi relatati***;	(vii) il-promozzjoni ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***;

Or. en

Emenda 16
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 5, l-ewwel parti, u l-emendi 219, 220, 221

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt vi
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – paragrafu 1 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
(iii) it-trawwim ta' żvilupp territorjali integrat, permezz ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli***, u l-iżvilupp ta' riformi relatati fit-tipi kollha ta' territorji.***;	(iii) it-trawwim ta' żvilupp territorjali integrat, permezz ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***.;

Or. en

Emenda 17
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 5, it-tielet parti, u l-emendi 223, 226

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt vi
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – paragrafu 1 – punt iii a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iii a) l-iżgurar tal-infrastruttura ta' preparatezza ċivili u ta' reżiljenza fit-tipi kollha ta' territorji;

Or. en

Emenda 18
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 6, l-ewwel parti, u l-emendi 232, 234, 235

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – punt vii
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operazzjonijiet appoġġati taħt l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (c)(iii) għandhom jiffokaw primarjament, meta dan ikun rilevanti, fuq wieħed jew aktar mill-erba' Kurituri Prijoritarji tal-Mobbiltà Militari tal-UE identifikati mill-Istati Membri fl-Anness II tar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha kif adottati mill-Kunsill [fit-18 ta' Marzu 2025 u bir-referenza ST 6728/25 ADD1]. L-operazzjonijiet appoġġati li huma parti minn dawk il-Kurituri għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-infrastruttura stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/1153**.**;	L-operazzjonijiet appoġġati taħt l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (c)(iii) ***li jirrawmu l-mobbiltà militari*** għandhom jiffokaw primarjament, meta dan ikun rilevanti, fuq wieħed jew aktar mill-erba' Kurituri Prijoritarji tal-Mobbiltà Militari tal-UE identifikati mill-Istati Membri fl-Anness II tar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha kif adottati mill-Kunsill [fit-18 ta' Marzu 2025 u bir-referenza ST 6728/25 ADD1]. L-operazzjonijiet appoġġati li huma parti minn dawk il-Kurituri għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-infrastruttura stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/1153;

Or. en

Emenda 19
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 1(a), l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b’dan li ġej:	(b) fil-paragrafu 1(a), l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b’dan li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tinżamm – l-ebda test ma ġie emendat

Emenda 20
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 7, it-tieni parti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-riżorsi taħt l-objettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1(a)(vi) u (b)(ix), għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-objettiv ta’ politika rispettiv.	Ir-riżorsi taħt l-objettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1(a)(vi) u (b)(ix), għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-objettiv ta’ politika rispettiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar it-tħassir tal-limitu minimu ta’ 20 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għal STEP tinżamm – l-ebda test ma ġie emendat.

Emenda 21
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta’ darba flimkien mal-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Dak il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2025. Dan għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm.	Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta’ darba flimkien mal-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Dak il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2025. Dan għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm. *(Għandha tiġi applikata fejn rilevanti fit-test kollu)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tinżamm il-proposta tal-Kummissjoni rigward il-prefinanzjament ta’ darba ta’ 30 % – Ebda test ma ġie emendat.

Emenda 22
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 10, l-ewwel parti, u l-emendi 120, 264, 267, 268, 269, 281

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1c – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba flimkien mal-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dak il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025. Dan għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm.	Il-Kummissjoni għandha tħallas 30 % tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba flimkien mal-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 ***jew fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Dak il-prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas ***sa fejn u*** dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025. Dan għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm. *(Għandha tiġi applikata fejn rilevanti fit-test kollu)*

Or. en

Emenda 23
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta' kompromess 9, u l-emendi 277, 276, 274, 275, 278, 179, 284 CA 9, AMs 277, 276, 274, 275, 278, 179, 284

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 1c – subparagrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbilita biex jiġu appoġġati l-objettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1(a)(vii), (b)(v), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii) u (e)(iii) ta' dan l-	B'deroga mill-Artikolu ***112(3) u (4)*** tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbilita biex jiġu appoġġati l-objettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1(a)(vii), (b)(v), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii), (e)(iii) ***u e(iiia)*** ta'

Artikolu, għandha tkun ta' 100 %.*;*	dan l-Artikolu, għandha tkun ta' 100 %.*:*
	(Għandha tiġi applikata fejn rilevanti fit-test kollu)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jinżamm il-kofinanzjament ta' 100 % propost mill-Kummissjoni

Emenda 24
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 11, u l-emendi 262, 292, 293, 309

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ea (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jiżdied paragrafu 5 ġdid:
	"(5) B'deroga mill-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, għal operazzjonijiet marbuta mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(vii) u (c)(iii) ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru ma għandux ikun meħtieġ jipprovdi informazzjoni meta d-divulgazzjoni ma tkunx permessa minħabba obbligi previst mid-dritt nazzjonali jew tmur kontra l-interessi essenzjali ta' sigurtà tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi sensittivi li jkunu jirrikjedu livelli għoljin ħafna ta' kunfidenzjalità. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel ma jagħżlu l-operazzjoni kkonċernata għall-appoġġ. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Kummissjoni li taċċessa l-informazzjoni meħtieġa ħalli twettaq il-funzjonijiet

tagħha b'rabta mal-verifiki u l-awditi.

Il-benefiċjarji ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 50(1)(c), (d) u (e) tar-Regolament (UE) 2021/1060, għall-operazzjonijiet marbuta mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(vii) u (c)(iii) ta' dan ir-Regolament, fejn il-wiri pubbliku tal-informazzjoni dwar l-appoġġ jew l-organizzazzjoni ta' avveniment jew attività ta' komunikazzjoni huma esklużi minħabba raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku f'konformità mal-Artikolu 69(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060."

L-informazzjoni dwar id-deroga trażmessa mill-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew, soġġett għal arranġamenti ta' kunfidenzjalità jekk ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, inklużi l-operazzjonijiet magħżula skont id-deroga.

Or. en

Emenda 25
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 12, u l-emendi 295, 296, 297

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 4 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Ir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu segwiti matul il-	10. Ir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu segwiti matul il-

perijodu kollu ta’ programmar, inkluż meta jiġu trasferiti bejn l-allokazzjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta’ programm jew bejn il-programmi u fir-rieżami ta’ nofs it-terminu f’konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament(UE) 2021/1060. Meta Stat Membru jissottometti talba għal emenda ta’ programm f’konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammonti pprogrammati għall-objettivi speċifiċi msemmija ***fil-paragrafu 1(a)(vi)*** u (b)(ix) ***ta’ dan l-Artikolu***, kif ukoll għall-objettivi speċifiċi msemmija ***fil-paragrafu 1(a)(vii),*** (b)(v), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii) u (e)(iii) ***ta’ dan l-Artikolu***, jistgħu jingħaddu jew għall-ammonti meħtieġa għal PO 1 jew PO 2 jew maqsuma bejn it-tnejn.

perijodu kollu ta’ programmar, inkluż meta jiġu trasferiti bejn l-allokazzjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta’ programm jew bejn il-programmi u fir-rieżami ta’ nofs it-terminu f’konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament(UE) 2021/1060. Meta Stat Membru jissottometti talba għal emenda ta’ programm f’konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammonti pprogrammati għall-objettivi speċifiċi msemmija ***fil-punti (a)(vi)*** u (b)(ix) ***tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1)***, kif ukoll għall-objettivi speċifiċi msemmija ***fil-punti (a)(vii)***, (b)(v), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii) u (e)(iii) ***tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1)***, jistgħu jingħaddu jew għall-ammonti meħtieġa għal PO 1 jew PO 2 jew maqsuma bejn it-tnejn.

Meta Stat Membru jikkonforma mar-rekwiżiti ta’ konċentrazzjoni tematika fil-livell tal-kategorija tar-reġjuni, l-ammonti pprogrammati għall-objettivi speċifiċi msemmija fil-punti (a)(vi) u (b)(ix) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1), kif ukoll għall-objettivi speċifiċi msemmija fil-punti (a)(vii), (b)(v), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii), (e)(iii) u (e)(iiia), tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1), li jaqbżu l-limiti għall-konċentrazzjoni tematika għal kategorija ta’ reġjun, jistgħu jingħaddu mal-limiti tal-konċentrazzjoni tematika f’kategoriji oħra ta’ reġjuni fl-istess objettiv ta’ politika. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss meta jiġu ttrasferiti l-allokazzjonijiet għall-objettivi speċifiċi msemmija hawn fuq minn reġjuni aktar żviluppati jew reġjuni fi tranżizzjoni lejn reġjuni inqas żviluppati u minn reġjuni aktar żviluppati lejn reġjuni fi tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 26
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 13, l-ewwel parti, u l-emendi 304, 305

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt i – punt 1
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) meta jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi skont il-PO 1 stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(a)(vi) u (a)(vii) ta’ dan ir-Regolament, jew għall-objettiv speċifiku skont il-PO 2 stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b)(ix) ta’ dan ir-Regolament;;	(e) meta jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi skont il-PO 1 stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(a)(vi) u (a)(vii) ta’ dan ir-Regolament, jew għall-objettiv speċifiku skont il-PO 2 stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b)(ix) ta’ dan ir-Regolament ***f’reġjuni inqas żviluppati u f’reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-EU-27 imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat abbażi tal-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017, filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs***;

Or. en

Emenda 27
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: CA 13 parti 2

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt i – punt 3
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) meta jiffaċilitaw l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti.”;	(g) meta jiffaċilitaw l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti ***f’reġjuni inqas żviluppati u f’reġjuni fi tranżizzjoni, f’reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa***

taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017, jew f'territorji koperti minn pjan approvat għal tranżizzjoni territorjali ġusta f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056, filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs;

Or. en

Emenda 28
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 13, it-tielet parti, u l-emendi 316, 314

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-tieni subparagrafu ***jithassar***;	(ii) it-tieni subparagrafu ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"Il-punti (e) u (g) għandhom japplikaw għall-programmi ta' Interreg fejn il-kopertura ġeografika tal-programm fl-Unjoni tikkonsisti esklużivament minn kategoriji ta' reġjuni stabbiliti f'dawn il-punti";

Or. en

Emenda 29
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 14, l-ewwel parti, u l-emendi 333, 335, 337, 338, 339, 340

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 7a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-2026, il-Kummissjoni għandha tħallas 4,5 % tal-appoġġ totali mill-FEŻR ***u l-Fond*** ta' Koeżjoni kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament addizzjonali ta' darba. Dan il-perċentwal ta' prefinanzjament ta' darba għandu jiżdied għal 9,5 % għal programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun NUTS2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna, dment li l-programm ma jkoprix it-territorju kollu tal-Istat Membru. Fejn fi Stat Membru jkunu inklużi reġjuni NUTS 2 li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna esklużivament fi programmi li jkopru t-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru, iż-żieda fil-prefinanzjament stabbilit f'dan il-paragrafu għandha tapplika għal dawk il-programmi.	Fl-2026, il-Kummissjoni għandha tħallas 4,5 % tal-appoġġ totali mill-FEŻR***, il-Fond*** ta' Koeżjoni ***u l-JTF*** kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament addizzjonali ta' darba. Dan il-perċentwal ta' prefinanzjament ta' darba għandu jiżdied għal 9,5 % għal programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun NUTS2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna, dment li l-programm ma jkoprix it-territorju kollu tal-Istat Membru. Fejn fi Stat Membru jkunu inklużi reġjuni NUTS 2 li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna esklużivament fi programmi li jkopru t-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru, iż-żieda fil-prefinanzjament stabbilit f'dan il-paragrafu għandha tapplika għal dawk il-programmi.

Or. en

Emenda 30
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 14, it-tieni parti, u l-emendi 342, 343, 352, 354, 355, 360, 361, 362, 363, 364, 416

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 7a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prefinanzjament addizzjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta' mill-inqas ***15 %*** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal	Il-prefinanzjament addizzjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta' mill-inqas ***10 %*** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal

prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(vi), (a)(vii), (b)(v), (b)(ix), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii) u (e)(iii) ta' dan ir-Regolament fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu jkunu ġew approvati, dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(vi), (a)(vii), (b)(v), (b)(ix), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii) u (e)(iii) ta' dan ir-Regolament fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu jkunu ġew approvati, dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Barra minn hekk, ir-riallokazzjonijiet li ġejjin fl-istess programm għandhom jingħaddu wkoll mal-limitu ta' 10 %:

a. riallokazzjonijiet mill-FSE+ għal prijorità ddedikata waħda jew aktar imsemmija fl-Artikoli 12a, 12c u 12d tar-Regolament (UE) 2021/1057 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu;

b. riallokazzjonijiet mill-JTF għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa jew stabbiliti għall-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu;

c. riallokazzjonijiet mill-FEŻR jew il-Fond ta' Koeżjoni għal prijoritajiet iddedikati għall-objettivi speċifiċi msemmija fil-punti (a)(vi) u (b)(ix) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament jew mill-FSE+ għall-prijoritajiet iddedikati msemmija fl-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2021/1057 jew mill-JTF għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa approvati f'emendi tal-programm qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu;

d. riallokazzjonijiet mill-FEŻR jew il-Fond ta' Koeżjoni għall-prijoritajiet stabbiliti għall-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (b)(v) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament approvat fl-emendi tal-programm mill-1

ta' Jannar 2025.

Għar-reġjuni ultraperiferiċi, l-allokazzjonijiet tar-riżorsi finanzjarji għall-prijoritajiet stabbiliti għall-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (b)(v) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/1058, approvati fil-programm, għandhom jgħoddu mal-limitu ta' 10 %. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu kollu kemm hu.

Ir-riżorsi li ġejjin ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-ammont ekwivalenti għall-10 % tar-riżorsi finanzjarji tal-programm imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu:

(a) riżorsi mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/1056;

(b) il-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament(UE) 2021/1060;

(c) ir-riżorsi riallokati għal prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti biex jappoġġaw ir-rispons għal diżastri naturali f'konformità mal-Artikolu 12b tar-Regolament (UE) 2021/1057, jew fl-ambitu tal-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (b)(x) tal-Artikolu 3(1).

Or. en

Emenda 31
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta' kompromess 14, it-tielet parti, u l-emendi 367, 369, 370, 371, 372, 376, 377, 378, 384

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 7a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-Artikolu 63(2) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-iskadenza għall-eliġibbiltà tan-nefqa, ir-rimborż tal-ispejjeż kif ukoll għad-diżimpenn għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2030. Dik id-deroga għandha tapplika biss meta l-emendi tal-programm li jirriallokaw mill-inqas ***15 %*** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar ***stabbiliti għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(vi), (a)(vii), (b)(v), (b)(ix), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii) u (e)(iii) ta' dan ir-Regolament fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jkunu*** ġew approvati.	2. B'deroga mill-Artikolu 63(2) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-iskadenza għall-eliġibbiltà tan-nefqa, ir-rimborż tal-ispejjeż kif ukoll għad-diżimpenn għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2030. Dik id-deroga għandha tapplika biss meta l-emendi tal-programm li jirriallokaw mill-inqas ***10 %*** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar ***kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1***, ***ikunu*** ġew approvati. ***Għal tali programmi, meta r-Regolament (UE) 2021/1060 jew ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond jistabbilixxu d-data finali għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-qafas ta' prestazzjoni, tal-ġestjoni finanzjarja, tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni, din id-ata għandha titqies li qed tirreferi għall-istess data tas-sena ta' wara. Barra minn hekk, b'deroga mill-punt 29 tal-Artikolu 2 ar-Regolament (UE) 2021/1060, għal tali programmi s-sena kontabilistika finali għandha tfisser il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2030 sat-30 ta' Ġunju 2031.***

Or. en

Emenda 32
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 14, ir-raba' parti, u l-emenda 388

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 7a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Kwalunkwe riallokazzjoni ta' riżorsi fil-qafas tar-Regolament UE (2025)/XXXX [riežami ta' nofs it-terminu; referenza għandha tiddaħħal wara l-adozzjoni ta' dan ir-regolament] diġà pprogrammati għal forom tal-iżvilupp territorjali integrat skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/1060 għandha ssir biss bil-kunsens tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kkonċernati.

Or. en

Emenda 33
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 14, il-ħames parti, u l-emendi 393, 394, 396, 397, 402

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/1058
Artikolu 7a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. B'deroga ***mill-Artikolu 112*** tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal prijoritajiet fi programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun NUTS2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna għandha tkun ta' 100 %. Ir-rata ogħla ta' kofinanzjament ma għandhiex tapplika għal programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm dawk ir-reġjuni ma jkunux inklużi biss fi programmi li jkopru t-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru. Id-deroga għandha tapplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta' mill-inqas ***15 %*** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar	4. B'deroga ***mill-Artikolu 112(3) u (4)*** tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal prijoritajiet fi programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun NUTS2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna għandha tkun ta' 100 %. Ir-rata ogħla ta' kofinanzjament ma għandhiex tapplika għal programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm dawk ir-reġjuni ma jkunux inklużi biss fi programmi li jkopru t-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru. Id-deroga għandha tapplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta' mill-inqas ***10 %*** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar ***kif***

stabbiliti għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(vi), (a)(vii), (b)(v), (b)(ix), (b)(xi), (b)(xii), (c)(iii), (d)(vii) u (e)(iii) ta' dan ir-Regolament fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu jkunu ġew approvati, dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata sal-31 ta' Diċembru 2025.	***stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1*** ikunu ġew approvati, dment li l-emenda tal-programm tiġi ppreżentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Or. en

Emenda 34
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 1 - it-tieni parti (anness)

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 1 – ringiela vii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) Tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu kapaċitajiet ***ta' użu doppju kif ukoll*** ta' difiża	(vii) Tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu kapaċitajiet ta' difiża***, bi prijorità għall-użu doppju.***
Kwalunkwe RCO elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii)	Kwalunkwe RCO elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii)
RCO128 L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta mat-trawwim ta' kapaċitajiet ta' użu doppju u ta' difiża (ReArmEU) – intrapriżi	RCO128 L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta mat-trawwim ta' kapaċitajiet ta' użu doppju u ta' difiża (ReArmEU) – intrapriżi
Kwalunkwe RCR elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii)"	Kwalunkwe RCR elenkat għall-objettivi speċifiċi (i), (iii)"

Or. en

Emenda 35
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 2, it-tieni parti (anness), u l-emendi 427, 428, 431

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 2 – ringiela v

Test propost mill-Kummissjoni

"(v) Promozzjoni tal-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma u r-reżiljenza idrika	RCO30 Tul ta' pajpijiet ġodda jew imtejba għas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-provvista pubblika tal-ilma – km RCO31 Tul ta' pajpijiet ġodda jew imtejba għan-network pubbliku għall-ġbir tal-ilma mormi – km RCO32 Kapaċità ġdida jew imtejba għat-trattament tal-ilma mormi – ekwivalenti għall-popolazzjoni	RCR41 Popolazzjoni konnessa ma' provvista pubblika mtejba tal-ilma – persuni RCR42 Popolazzjoni konnessa, għall-inqas, ma' trattament pubbliku sekondarju tal-ilma mormi – persuni RCR43 Telf ta' ilma f'sistemi ta' distribuzzjoni għall-provvista pubblika tal-ilma – metri kubi fis-sena"

Emenda

(v) il-promozzjoni tal-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli ***u integrat*** tal-ilma u r-reżiljenza idrika;	RCO30 Tul ta' pajpijiet ġodda jew imtejba għas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-provvista pubblika tal-ilma – km RCO31 Tul ta' pajpijiet ġodda jew imtejba għan-network pubbliku għall-ġbir tal-ilma mormi – km RCO32 Kapaċità ġdida jew imtejba għat-trattament tal-ilma mormi – ekwivalenti għall-popolazzjoni ***RCO 36 - Infrastruttura ekoloġika appoġġata għal***	RCR41 Popolazzjoni konnessa ma' provvista pubblika mtejba tal-ilma – persuni RCR42 Popolazzjoni konnessa, għall-inqas, ma' trattament pubbliku sekondarju tal-ilma mormi – persuni RCR43 Telf ta' ilma f'sistemi ta' distribuzzjoni għall-provvista pubblika tal-ilma – metri kubi fis-sena" ***RCR 35 - Popolazzjoni li tibbenefika minn miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar***

	skopijiet oħra minbarra l-adattament għat-tibdil fil-klima ***RCO 21 Investimenti fl-użu sostenibbli tal-ilma – għadd ta' azjendi agrikoli appoġġati jew azjendi li jirċievu investiment fl-effiċjenza tal-irrigazzjoni***	***RCR 37 - Popolazzjoni li tibbenefika minn miżuri ta' protezzjoni kontra diżastri naturali marbuta mal-klima (għajr għargħar u nirien fil-foresta)*** ***RCR 35 Iż-żona tal-wiċċ appoġġata għal effiċjenza mtejba fl-użu tal-ilma – ettari ta' art agrikola b'sistemi ta' irrigazzjoni mtejba***

Or. en

Emenda 36
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta' kompromess 2, il-parti 5, u l-emendi 178, 181, 182, 183, u l-emendi 433, 434, 435, 438, 439, 440, 441

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 2 – ringiela xi

Test propost mill-Kummissjoni

"(xi) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli***, u riformi relatati***	RCO18 Abitazzjonijiet affordabbli bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija – abitazzjonijiet RCO65 Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli, u soċjali, ġdida jew modernizzata – persuni	RCR26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet affordabbli, binjiet pubbliċi, impriżi, oħrajn) – MWh/sena RCR29 Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati – tunnellati ta' CO2 eq./sena

	RCO130 Riformi relatati mal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali – numru	RCR67 Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali ġdida jew modernizzata – utenti/sena"

Emenda

"(xi) il-promozzjoni ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***;	RCO18 Abitazzjonijiet affordabbli bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija – abitazzjonijiet RCO65 Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli, u soċjali, ġdida jew modernizzata – persuni	RCR26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet affordabbli, binjiet pubbliċi, impriżi, oħrajn) – MWh/sena RCR29 Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati – tunnellati ta' CO2 eq./sena RCR67 Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali ġdida jew modernizzata – utenti/sena"

Or. en

Emenda 37
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta' kompromess 2, il-ħames parti, u l-emendi 433, 434, 435, 438, 439, 440, 441

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 2 – ringiela xii – kolonna 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(xii) il-promozzjoni tal-interkonnetturi tal-enerġija u tal-infrastruttura tat-trażmissjoni	(xii) il-promozzjoni tal-interkonnetturi tal-enerġija u tal-infrastruttura tat-

relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar	trażmissjoni***, tad-distribuzzjoni u ta' appoġġ*** relatata, ***kif ukoll tal-protezzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija kritika*** u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar.

Or. en

Emenda 38
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 3, it-tieni parti (anness)

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt d
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 3 – ringiela iii – kolonna 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-iżvilupp ta' infrastruttura reżiljenti tad-difiża jew b'użu doppju biex titrawwem il-mobbiltà militari għall-Unjoni	(iii) l-iżvilupp ta' infrastruttura ***u ta' kapaċitajiet*** reżiljenti b'użu doppju***, inkluż*** biex titrawwem il-mobbiltà militari fl-Unjoni***, kif ukoll biex tissaħħaħ il-preparatezza***

Or. en

Emenda 39
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 4, it-tieni parti (anness)

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt e
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 4 – ringiela vii

Test propost mill-Kummissjoni

(vii) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, ***u riformi relatati***	RCO18 Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija – abitazzjonijiet RCO65 Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli soċjali ġdida jew modernizzata – persuni	RCR26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet, binjiet pubbliċi, impriżi, oħrajn) - MWh/sena

	RCO130 Riformi relatati mal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali – numru	RCR29 Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati – tunnellati ta' CO_2 eq./sena RCR67 Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali ġdida jew modernizzata – utenti/sena"

Emenda

"(vii) il-promozzjoni ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***;	RCO18 Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija – abitazzjonijiet RCO65 Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli soċjali ***u sostenibbli*** ġdida jew modernizzata – persuni	RCR26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet, binjiet pubbliċi, impriżi, oħrajn) - MWh/sena RCR29 Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati – tunnellati ta' CO_2 eq./sena RCR67 Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali ġdida jew modernizzata – utenti/sena"

Or. en

Emenda 40
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 5, it-tieni parti (anness)

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt f
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 5 – ringiela iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) it-trawwim ta' żvilupp territorjali integrat, permezz ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, ***u l-iżvilupp ta' riformi***	RCO18 Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija – abitazzjonijiet	RCR26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet, binjiet pubbliċi, impriżi, oħrajn) - MWh/sena

relatati fit-tipi kollha ta' territorji	RCO65 Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli, u soċjali, ġdida jew modernizzata – persuni ***RCO130 Riformi relatati mal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali – numru***	RCR29 Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati – tunnellati ta' CO_2 eq./sena RCR67 Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali ġdida jew modernizzata – utenti/sena"

Emenda

(iii) it-trawwim ta' żvilupp territorjali integrat, permezz ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***	RCO18 Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija – abitazzjonijiet RCO65 Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli, u soċjali, ġdida jew modernizzata – persuni	RCR26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet, binjiet pubbliċi, impriżi, oħrajn) - MWh/sena RCR29 Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati – tunnellati ta' CO_2 eq./sena RCR67 Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali ġdida jew modernizzata – utenti/sena"

Or. en

Emenda 41
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 5, ir-raba' parti (anness), u l-emendi 455, 456

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt f
Regolament (UE) 2021/1058
Anness I – tabella 1 – objettiv ta' politika 5 – ringiela iiia (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

fl-objettiv ta' politika 5, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

(iiia) l-iżgurar tal-infrastruttura ta' preparatezza ċivili u ta' reżiljenza fit-tipi kollha ta' territorji;	***RCOXX Bini ta' postijiet ta' kenn b'diversi użi – numru*** ***RCOXX Brigati speċjalizzati tat-tifi tan-nar b'tagħmir adegwat maħluq - numru*** ***RCOXX Forzi tal-protezzjoni ċivili stabbiliti - numru*** ***RCOXX Sptarijiet mgħammra biex jittrattaw sitwazzjonijiet ta' gwerra – numru***	

Or. en

Emenda 42
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 15, u l-emendi 462, 464

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt i

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) (a) fl-ewwel paragrafu, il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(i) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti abbandunati, restawr ***tal-art*** u inkluż, fejn meħtieġ, infrastruttura ekoloġika u proġetti bi skop ġdid, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";	"(i) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti abbandunati, restawr ***tal-ilma u l-art*** u inkluż, fejn meħtieġ, infrastruttura ekoloġika u proġetti bi skop ġdid, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"; ***"***

Or. en

(Dokument 02021R1056-20240301)

Emenda 43
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 16, u l-emenda 465

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli***, u riformi relatati.***;	(p) il-promozzjoni ta’ aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli***;

Or. en

Emenda 44
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 17, l-ewwel parti, u l-emendi 468, 472, 473, 474

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt -aa (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) it-tieni subparagrafu jitħassar;
Barra minn hekk, il-JTF jista' jappoġġja, f'żoni magħżula bħala żoni megħjuna għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE, investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs, sakemm dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (h) tal-Artikolu 11(2) ta’ dan ir-Regolament. Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal	”

tranżizzjoni ġusta, fejn jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 u għall-kisba tal-miri ambjentali relatati, fejn l-appoġġ tagħhom ikun meħtieġ għall-ħolqien tal-impjiegi fit-territorju identifikat, u meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

”

Or. en

(Dokument 02021R1056-20240301)

Emenda 45
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta’ kompromess 17, it-tieni parti, u l-emendi 468, 472, 473, 474

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-JTF jista’ jappoġġa wkoll investimenti produttivi f’intrapriżi għajr l-SMEs, filwaqt li jinżamm enfasi fuq l-SMEs, ***irrispettivament minn jekk l-analiżi tad-diskrepanza tkunx twettqet f’konformità mal-Artikolu 11(2)(h) ta’ dan ir-Regolament u irrispettivament mill-eżitu tagħha.*** Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt 27 tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-għoti ta’ tali appoġġ ma għandux jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali ta’ tranżizzjoni ġusta fejn dik ir-reviżjoni tkun marbuta esklużivament mal-analiżi tal-lakuni. L-apprendistati u l-impjiegi, l-edukazzjoni jew it-taħriġ għal ħiliet ġodda għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċess ta’	Il-JTF jista’ jappoġġa wkoll investimenti produttivi f’intrapriżi għajr l-SMEs, filwaqt li jinżamm enfasi fuq l-SMEs. Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss ***meta huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta, meta l-appoġġ tagħhom huwa meħtieġ għall-ħolqien ta’ impjiegi fit-territorju identifikat u*** meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt 27 tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-għoti ta’ tali appoġġ ma għandux jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali ta’ tranżizzjoni ġusta fejn dik ir-reviżjoni tkun marbuta esklużivament mal-analiżi tal-lakuni. ***Għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi ta’ STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament***

għażla.”,

(UE) 2024/795, l-apprendistati u l-impjiegi, l-edukazzjoni jew it-taħriġ għal ħiliet ġodda għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċess tal-għażla.;

Or. en

Emenda 46
Dragoş Benea

Emenda ta’ kompromess li tissostitwixxi l-emendi ta’ kompromess 18, u l-emendi 493, 495, 496, 497, 498, 500

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1056
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 6 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiżdied is-subparagrafu 6 ġdid li ġej:
	6. Meta r-riżorsi tal-JTF jiġu pprogrammati fi programm iddedikat, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu prijoritajiet iddedikati biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa jew għall-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, f’konformità mal-punt (p) tal-Artikolu 8(2)ta’ dan ir-Regolament.
	Fejn mill-inqas 10 % tar-riżorsi finanzjarji tal-programm jiġu riallokati għal prijorità ddedikata waħda jew aktar imsemmija fis-subparagrafu preċedenti, il-Kummissjoni għandha tħallas fl-2026 4.5 % tal-appoġġ totali mill-JTF lill-programm bħala prefinanzjament ta’ darba b’mod eċċezzjonali. Barra minn hekk, ir-riallokazzjonijiet għal prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa approvati fl-

emendi tal-programm qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandhom jgħoddu wkoll għal-livell limitu ta' 10 %. Ir-riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru msemmija fl-Artikolu 4 ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-ammont ekwivalenti għal 10 % tar-riżorsi finanzjarji tar-riżorsi tal-programm.

Il-prefinanzjament dovut lill-Istat Membru li jirriżulta mill-emendi tal-programm skont ir-riallokazzjoni għal tali prijoritajiet għandu jiġi kkalkulat bħala pagamenti li saru fl-2025 għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li se jiġu diżimpenjati f'konformità mal-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2021/1060, dment li t-talba għal emenda tal-programm tkun tressqet fl-2025.

B'deroga mill-Artikolu 63(2) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-iskadenza għall-eliġibbiltà tan-nefqa kif ukoll għad-diżimpenn għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2030. Dik id-deroga għandha tapplika biss meta jkunu ġew approvati l-emendi tal-programm li jirriallokaw mill-inqas 10 % tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti fit-tieni subparagrafu.

Għal tali programmi, fejn ir-Regolament (UE) 2021/1060 jistabbilixxi d-data finali għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-qafas ta' prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, ir-rappurtar u r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni, dan għandu jinqara bħala li jirreferi għall-istess data tas-sena ta' wara. Barra minn hekk, b'deroga mill-punt 29 tal-Artikolu 2 ar-Regolament (UE) 2021/1060, għal tali programmi s-sena kontabilistika finali għandha tfisser il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2030 sat-30 ta' Ġunju 2031.

Minbarra l-valutazzjoni għal kull programm dwar l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu li għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati

Membri jistgħu jissottomettu mill-ġdid valutazzjoni komplementari kif ukoll talbiet relatati għal emendi fil-programm, filwaqt li jqisu l-objettivi speċifiċi introdotti mir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [dan ir-Regolament], fi żmien xahrejn (2) mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX [dan ir-Regolament]. Għandhom japplikaw l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Or. en

Emenda 47
Dragoş Benea

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-emenda ta' kompromess 19, l-ewwel parti, u l-emendi 285, 508, 507, 461

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2021/1060
Artikolu 24 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Article2a
	Ir-Regolament (UE) 2021/1060 huwa emendat kif ġej:
	Fl-Artikolu 24, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	10a. L-impenji sospiżi mill-miżuri adottati fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2020/2092 u l-ammonti soġġetti għal valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni bbażata fuq l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet abilitanti skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu soġġetti għal emenda jew trasferiment tal-programm skont dan l-Artikolu jew l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament."

Or. en